il-Gżejjer

IT-TMIEN SENA SETTEMBRU 1979 NRU. 97

PROĠETTI KBAR TA' TOROQ ĠODDA

It-triq ta' l-Għadira, kif inhi llum, tgħaddi viċin tal-baħar u, minbarra li bil-mod kif inhi għaddejja iċċekken ferm ir-ramla, qegħda wkoll toħloq periklu kontinwu mit-traffiku għan-nies li jkunu qegħdin jgħumu jew jixxemxu.

IL-PROĠETT TAL-MELLIEĦA

Il-proġett ta' l-Għadira, jew aħjar tal-Mellieħa, huwa l-aktar wieħed interessanti u ambizzjuż. It-triq il-ġdida se tibda minn Selmun, eżattament ħdejn il-Belleview u tgħaddi minn ħdejn l-iskola tal-Gvern tal-Mellieħa, iddur maċ-Ċentru Turistiku tad-Daniżi, taqsam il-'Caravan Site' u tispiċċa fit-telgħa ta' l-Għadira għall-Armier, fejn bħalissa qed issir il-biċċa l-kbira tax-xogħol mill-ħaddiema taḋ-Dipartiment tax-Xogħlijiet.



PROĠETTI KBAR TA' TOROQ ĠODDA

Kull min dan l-aħħar wasal wasla fin-naħiet ta' fuq ta' Malta, bħal Buġibba, San Pawl, Għajn Tuffieħa, l-Ġnejna, l-Armier jew iċ-Ċirkewwa, ma setax ma jilmaħx il-bidla li saret u qed issir fit-toroq li jagħtu għal dawn in-naħiet. Qabel, dawn it-toroq kienu kollha ħotob, dojoq u mimlijin dawriet perikolużi, u issa qed jiġu mwessgħin, jitwaqqgħulhom il-kantunieri perikolużi u qed jingħataw uċuħ ġodda bit-tarmak.

Eżempju minnhom huwa t-triq sabiħa u wiesa' miksija bit-tarmak li mill-Mosta tgħaddi minn Burmarrad u tieħu għal Buġibba.

Nagħtu ħarsa wkoll lejn ix-xogħol li qed isir fit-toroq prinċipali li jagħtu għal żewġ bajjiet popolari, dawk ta' l-Għadira u Għajn Tuffieħa.

Il-proġett ta' l-Għadira, jew aħjar tal-Mellieħa, huwa l-aktar wieħed interessanti u ambizzjuż. It-triq il-ġdida se tibda minn Selmun, eżattament ħdejn il-Belleview u tgħaddi minn ħdejn l-iskola tal-Gvern tal-Mellieħa, iddur maċ-Ċentru Turistiku tad-Daniżi, taqsam il-'Caravan Site' u tispiċċa fit-telgħa ta' l-Għadira għall-Armier, fejn bħalissa qed issir il-biċċa l-kbira tax-xogħol mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

Skond il-pjanijiet tal-Gvern Soċjalista, t-triq se jkollha żewġ skopijiet — L-ewwel li titneħħa għal kollox it-triq eżistenti li taqsam il-bajja minn ħdejn is-Sea Bank sa fejn hemm il-Caravans. Din it-triq kif inhi llum tgħaddi viċin tal-baħar u minbarra li bil-mod kif inhi għaddejja iċċekken ferm ir-ramla, qegħda toħloq periklu kontinwu tat-traffiku għannies li jkun qed jixxemxu hemmhekk.

Issa, grazzi għall-pjan maħsub mill-Gvern Soċjalista ta' kif se tkun għaddejja t-triq, dan kollu se jinqata' darba għal dejjem. Il-bajja sejra tikber u tisbieħ, għax se tibqa' testendi sa fejn illum hemm it-terminus tas-sajf tal-karozzi tal-linja u hekk se tkun esklussivament riservata għall-eluf ta' Maltin u turisti li jiffrekwentawha; ħielsa mill-istorbju u d-dħaħen tat-traffiku.

Skop ieħor importanti wkoll li għalih qed issir din it-triq madwar il-Mellieħa, huwa biex it-traffiku kollu li jkun sejjer lejn l-Għadira, l-Armier, u ċ-Ċirkewwa (inkluż it-traffiku kbir għal Għawdex) ma jkunx hemm għalfejn jgħaddi mill-qalba tal-villaġġ tal-Mellieħa, għalkemm il-karozzi tal-linja għal dawn il-postijiet jibqgħu jgħaddu kif qed jgħaddu llum.

Il-Bajja ta' Għajn Tuffieħa hija oħra li qegħda tiġi milquta indirettament mill-programm ġdid ta' toroq f'din in-naħa ta' Malta. Għaliex, għalkemm il-bajja nnifisha mhix se jsirilha xejn fiha, madankollu t-toroq li jagħtu għaliha qed issirilhom bidla ġmielha.

Il-programm kif approvat mill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant,

ikopri wkoll it-twessiegħ u bini ta' diversi 'link roads' li permess tagħhom it-traffiku jista' jimxi aħjar speċjalment fis-sajf.

Waħda minn dawn hija t-triq li tibda minn tarf il-Mosta, fil-post magħruf bħala "Il-Qlejja" tgħaddi miż-Żebbiegħ u tibqa' sejra sa Ħal-Ferħ ma' ġenb il-bajja ta' Għajn Tuffieħa.

Din it-triq, li aktar kienet tista' tissejjaħ mogħdija, issa twessgħet kollha (minn xi 5 metri wisa' saret madwar 15-il metru) il-kantunieri perikolużi ġew eliminati, ttellgħu ħitan ġodda u ngħata t-tarmak.

Ewlenija fost dawn il-'link roads' insibu dik li minn Ħ'Attard tagħti għal Mosta u dik li minn Naxxar tagħti għas-Salina. Din mistennija sserraħ ukoll t-traffiku minn ġol-Mosta u Burmarrad.

L-importanza li qed jagħti l-Gvern Soċjalista lil din in-naħa ta' Malta mistennija tkompli tagħti spinta għal aktar żvilupp turistiku f'dawn il-Gżejjer bi gwadan kbir għall-ekonomija tagħna.

Il-Prim Ministru Jżur Pajjiżi Għarab

ĦIDMA GĦAL PAĊI FIL-MEDITERRAN U TISĦIĦ FIL-QAGĦDA EKONOMIKA TA' MALTA

Fil-ħidma tiegħu għal paċi fil-Mediterran u biex ikompli jsaħħaħ il-qagħda ekonomika ta' Malta, il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff, għamel żjara ta' disat ijiem fil-Golf Persjan. Huwa kien akkumpanjat minn delegazzjoni uffiċjali tal-Gvern Malti.

Din iż-żjara tal-Prim Ministru Mintoff kienet it-tieni waħda li huwa għamel f'pajjiżi Għarab f'inqas minn xahrejn.

Is-Sur Mintoff kien akkumpanjat mis-Sur K. Vella, M.P.; Dr E. Mizzi, Avukat Ġenerali; is-Sur A. Mizzi, Chairman ta' l-AirMalta u s-Sea Malta; is-Sur J. Sammut ta' l-Uffiċċju ta' l-Ippjanar Ekonomiku; is-Sur M. Zammit u s-Sur V. Pace mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Kastilja.

Id-Delegazzjoni Maltija żaret il-Kuwajt, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Yemen ta' Fuq, il-Yemen t'Isfel u l-Qatar.

Id-diskussjonijiet koprew suġġetti varji li kienu jinkludu l-kwistjoni tal-Palestina u soluzzjoni ġusta għall-kriżi tal-Lvant Nofsani; il-koperazzjoni bilaterali li tinkludi ż-żejt u r-relazzjonijiet ekonomiċi, l-importanza ta' l-istabbilità bejn Stati Għarab biex tiżgura stabbilità fil-Mediterran; u fl-aħħarnett, is-sehem ta' Malta biex ikun hawn il-paċi f'din in-naħa tad-dinja.

Il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff f'Al Ain fl-Emirati Għarab Magħquda.

Bħal ma kien mistenni, din iż-żjara tal-Prim Ministru Malti fil-Pajjiżi tal-Golf Persjan ingħatat prominenza kbira mill-ġurnali Għarab u mill-aġenziji ta' l-aħbarijiet.

Ministri tal-Finanzi tal-Commonwealth Jiltaqgħu f'Malta



Ministri u kapijiet tad-delegazzjonijiet miġburin flimkien, bil-Ministru Cassar jokkupa l-post ta' l-unur bħala l-President tal-Laqgħa.

Il-Ministri tal-Finanzi tal-pajjiżi li jinsabu fil-Commonwealth għażlu Malta għal-laqgħa ta' din is-sena li saret fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru fiċ-Ċentru tal-Mediterran Għal Konferenzi, fil-Belt Valletta. Il-Ministri li attendew faħħru bis-sħiħ dan iċ-Ċentru ġdid li wara ħidma kontinwa fi żmien qasir jinsab attrezzat sew għal din ix-xorta ta' konferenzi.

Il-Ministru Joseph Cassar, Deputat Prim Ministru u Ministru responsabbli għall-Finanzi ta' Malta, indirizza l-Konferenza aktar minn darba. Meta irrefera għall-politika ta' Malta, Dr Cassar tkellem fuq dawn il-linji:—

"Meta tħarsu madwarkom taraw fortifikazzjonijiet li huma simbolu tas-sehem ta' Malta tul is-sekli l-imgħoddija.

Din ma kenitx il-ħajja li konna nagħżlu aħna. Konna nippreferu li l-gżira tagħna ma tkunx imdawwra bis-swar u dak li għandu x'jaqsam malgwerer, imma b'aktar fabbriki, lukandi u proġetti simili li jġibu magħhom żvilupp ekonomiku.

"Aħna qed nagħmlu minn kollox biex issehħ il-bidla għall-paċi u tikber il-produzzjoni. Iżda dan irridu nagħmluh f'ambjent politiku adattat. L-isforzi tal-Gvern tiegħi għal dan il-għan huma kontinwi mhux biss lokalment imma anke fil-kamp internazzjonali inkluż il-Commonwealth. Aħna rridu paċi u stabbilità fir-reġjun tal-Mediterran u fid-dinja kollha kemm hi.

"Aħna rridu nipperswadu lill-ġirien tagħna tal-qrib dwar il-valur siewi, għalihom u għall-Mediterran, tal-politika tagħna li nibdlu l-gżira minn Fortizza tal-Gwerra għal Ċentru ta' Paċi u jaslu biex jonoraw l-obbligazzjoni morali tagħhom li jikkontribwixxu materjalment għal perijodu temporanju biex aħna nkunu nistgħu nagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' dħul ta' flus li aħna stess inponejna fuqna nfusna.

Il-ġirien tagħna l-Għarab ċertament li apprezzaw il-qagħda tagħna. Il-ġirien tagħna fin-naħa ta' l-Ewropa filwaqt li fehmu l-atteġġjament tagħna għad iridu jagħtu turija konkreta tal-fehma tagħhom. B'danakollu aħna nibqgħu mexjin fuq it-triq li għażilna".

GĦAL QADI TAR-REPUBBLIKA

Il-President Dr Buttigieg jippreżenta l-Midalja lill-Air Marshal Malik Nur Khan.

Nhar it-Tlieta, it-28 ta' Awissu, l-ex President tal-Pakistan International Airlines, Air Marshal Malik Nur Khan, ġie ippreżentat bil-Midalja għal Qadi tar-Repubblika għas-sehem kbir tiegħu fit-twaqqif tal-linja nazzjonali ta' l-ajru AirMalta.

Il-preżentazzjoni saret mill-President tar-Repubblika Dr Anton Buttigieg fil-Palazz, il-Belt.

Il-President Buttigieg, fid-diskors li għamel, qal li l-Gvern u l-poplu Malti huma kburin bl-AirMalta u jinsabu grati lejn dawk kollha li taw is-sehem tagħhom għat-twaqqif u l-progress tagħha. Air Marshal Malik Nur Khan huwa wieħed fost dawk li taw sehem kbir għal din il-Kumpanija ta' l-Ajru Maltija. Kien għal din ir-raġuni li l-Gvern Malti ddeċieda li jippreżentalu din il-Midalja.

Fid-diskors tiegħu, il-President Buttigieg ta d-dettalji dwar it-twaqqif ta' l-AirMalta bl-għajnuna sħiħa tal-Gvern tal-Pakistan.

Fl-1973 kien sar il-ftehim bejn il-Gvern Malti u l-Pakistan International Airlines li permezz tiegħu twaqqfet l-AirMalta li tagħha l-PIA kellha 20 fil-mija ta' l-ishma. Il-PIA ħadet ħsieb li tipprovdi l-għajnuna tagħha fil-management, fil-kiri ta' żewġ ajruplani 720 B's u tipprovdi l-manutenzjoni u t-tagħlim tal-membri ta' l-AirMalta.

Fl-aħħar ta' l-1973 l-Air Marshal Nur Khan kien inħatar Direttur ta' l-AirMalta.

Huwa kellu sehem kbir fis-suċċess li rnexxielha tikseb il-Pakistan International Airlines minkejja d-diffikultajiet enormi li iffaċċjat minħabba l-gwerra ta' Bangladesh fl-1971, kif ukoll il-kriżi taż-żejt.

Il-President Buttigieg temm id-diskors tiegħu billi qal li kien unur għalih li ppreżenta din il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika lil Air Marshal Nur Khan li ħames snin ilu flimkien miegħu kien ħa sehem fl-inawgurazzjoni ta' AirMalta.

Is-Segretarju tal-President, is-Sur S. Demarco, imbagħad qara l-formula preskritta fil-Kostituzzjoni adottata għall-ġħoti tal-Midalja għal Qadi tar-Repubblika.

Il-formula tgħid:

"Lil Malik Nur Khan għall-kontribuzzjoni sinifikanti tiegħu għall-immaterjalizzar tal-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Gvern Malti u l-Gvern tal-Pakistan u partikolarment talli ġab għajnuna meħtieġa mill-Pakistan International Airlines li tagħha kien Chairman, biex il-poplu Malti jkun jista' jwaqqaf il-linja nazzjonali tiegħu — AIRMALTA".

Hawnhekk, il-President Buttigieg ippreżentalu l-Midalja.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru tal-Finanzi u Deputat Prim Ministru, Dr J. Cassar, id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili, is-Sur P. Attard, iċ-Chairman ta' l-AirMalta, is-Sur A. Mizzi, il-Managing Director ta' l-AirMalta, is-Sur V. Falzon u uffiċjali oħra tal-PIA u l-Air Malta.



It-Tabella turi kif kienu l-pensjonijiet tax-xjuħ mill-1969 sa l-1978. B'seħħ mill-20 ta' Jannar, 1979, il-Pensjoni tax-Xjuħ għall-koppja miżżewġa telgħet għal £M15.10,0, fil-ġimgħa, żieda ta' £M1.60,0 fil-ġimgħa. Għal persuna waħda, r-rata telgħet minn £M8.60,0 għal £M9.60,0 żieda ta' £M1.00,0 fil-ġimgħa.

Delegazzjoni Parlamentari iżżur ic-Ċina u r-Rumanija

Fuq stedina tal-Kumitat Permanenti tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu tar-Repubblika taċ-Ċina, delegazzjoni miż-żewġ naħat tal-Parlament immexxija minn li Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Kalċidon Agius MP żaret iċ-Ċina bejn is-17 u d-29 ta' Awissu. Il-Membri tad-delegazzjoni kienu id-Deputat Laburista l-Onorevoli C. Buttigieg MP; u d-Deputat Nazzjonalista l-Onorevoli H. Farrugia MP; waqt li s-Sur C. Mifsud, l-Iskrivan tal-Kamra kien is-Segretarju tad-delegazzjoni.

L-għan taż-żjara kien li jkomplu jikbru dejjem iżjed il-kuntatti bejn il-Parlament Malti u l-Kungress Nazzjonali Ċiniż u biex tkompli tikber il-ħbiberija bejn iż-żewġ popli in partikolari u fid-dinja kollha in ġenerali.

Fost il-laqgħat l-aktar importanti li kellha d-delegazzjoni kien hemm dik maċ-Chairman Hua Kuo-Feng u oħra maċ-Chairman tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu, Ye Gjan Ying, waqt li l-ambaxxatur taċ-Ċina għall-Malta, li kien pajjiżu, kien wieħed fost id-diversi personalitajiet Ċiniżi, li ta pranzu f'ġieħ li Speaker u d-delegazzjoni Maltija.

F'diskors li għamel il-Prim Ministru Ċiniż faħħar lin-nazzjon Malti u qal li dan huwa nazzjon kbir bħalma huwa kbir il-poplu Malti. "Il-Maltin irnexxielhom jiksbu r-rebħa wara snin twal ta' ġlied. Kemm Malta u kemm iċ-Ċina jinħtieġu ambjent ta' paċi fid-dinja biex ikunu jistgħu jkomplu jagħmlu progress".

L-Onor. Kalċidon Agius jiltaqa' maċ-Chairman Ċiniż Hua Kuo-Feng.

Huwa qal ukoll li ż-żewġ pajjiżi jinħtieġ li jgħinu lil xulxin. Id-delegazzjoni żaret ukoll diversi fabbriki u kellha diskussjonijiet kemm mal-management kif ukoll mal-ħaddiema tagħhom. Saret żjara oħra, li kienet fiċ-Ċentru Industrijali ta' Shangai u fit-tarzna li pprovdiet il-krejnijiet u makkinarju għal baċir tar-Red China Dock f'Malta. Hawnhekk id-delegazzjoni ltaqgħet ma' iben il-ħaddiem Ċiniż Xu Huiz Hong li kien tilef ħajtu traġikament waqt li kien qed jaħdem fiċ-China Dock u l-Onorevoli C. Buttigieg M.P. għan-nom taż-Żgħażagħ Soċjalisti Għawdxin ippreżentalu xall tal-bizzilla ta' Għawdex biex igħaddieh lill-armla ta' missieru, li ma setgħetx tkun preżenti għall-okkażjoni billi kienet 'l bogħod minn Shanghai. Barra minn dan, id-delegazzjoni ltaqgħet ukoll mal-Viċi Prim Ministru Ċiniż Geng Piao li kien żar Malta s-sena l-oħra. Fi tmiem iż-żjara, l-Onorevoli Kalċidon Agius M.P. stieden uffiċjalment liċ-Chairman tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu tar-Repubblika taċ-Ċina biex delegazzjoni simili mill-Kungress, iżżur Malta.

Miċ-Ċina id-delegazzjoni marret ir-Rumanija bejn it-30 ta' Awissu u l-5 ta' Settembru fuq stedina tal-Prof. Dr Nicolae Giosan, il-President tal-Bureau ta' l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija. Bħal fil-każ taċ-Ċina il-għan taż-żjara kien li jiżdiedu l-kuntatti bejn il-parlament Malti u l-Assemblea Nazzjonali Rumena biex tikber il-ħbiberija bejn iż-żewġ pajjiżi, għal benefiċċju tal-popli tagħhom, u l-popli l-oħra kollha.

Tul din iż-żjara, id-delegazzjoni kellha laqgħa mal-President Nicolae Ceaucescu, u laqgħat oħra fil-Ministeru tal-affarijiet barranin u f'dak tal-Kummerċ Barrani u Kooperazzjoni Ekonomika Internazzjonali. Saru żjajjar f'industriji, fabbriki, postijiet agrikoli, sptarijiet u istituzzjonijiet edukattivi.

L-awtoritajiet Rumeni esprimew is-solidarita tagħhom ma' l-isforzi li qiegħed jagħmel il-Gvern u l-poplu Malti għal paċi fil-Mediterran kif ukoll għal ħidma fil-pajjiż biex jibqa' jseħħ il-ħelsien miksub mill-poplu Malti.

Fi tmiem iż-żjara, l-Onorevoli Kalċidon Agius M.P. stieden uffiċjalment lill-President tal-Assemblea Nazzjonali biex delegazzjoni simili iżżur Malta.

IS-SAJD F'MALTA



Il-qbid annwali tal-ħut frisk mis-sajjieda tagħna tela' minn 1,254 tunnellata metrika fl-1971 għal 1,604 tunnellata fl-1973. Bejn l-1973 u l-1978 il-qbid totali tal-ħut frisk kien bejn wieħed u ieħor madwar 1,500 tunnellata metrika. Il-prezz fl-ingrossa globali tal-ħut frisk li nqabad matul l-1977 kien ta' £M896,803 li kien aktar mid-doppju ta' dak ta' l-1971. Is-sena ta' wara, l-1978, inqabdu 1,064 tunnellata metrika ħut li jiswew £M898,476.

L-għan prinċipali tal-Gvern fis-settur tas-sajd hu li jsir aktar żvilupp bl-iskop li jiżdied il-qbid u hekk il-konsum fuq kull ras jiżdied u tonqos ukoll d-domanda għall-ħut minn barra.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan id-Dipartiment qed jagħmel ħiltu kollha billi jgħin is-sajjieda bil-pariri ta' esperti tekniċi u b'għajnuna finanzjarja, kif ukoll billi jipprovdi l-faċilitajiet għas-swieq u faċilitajiet oħra.

SERVIZZ GĦAT-TQASSIM TA' RKAPTU LIS-SAJJIEDA

Sa minn 1956 minn meta beda jitħaddem is-servizz ta' l-irkaptu, s-sajjieda setgħu jsibu din l-għajnuna biex ikunu jistgħu jixtru rkaptu bħal xbieki tal-lampuki u tal-parit bi prezzijiet moderati u ta' kwalità mill-aħjar. Is-sajjieda tagħna setgħu jakkwistaw wkoll xbieki tat-tumbrelli, irkiekel tal-ħajt tan-nylon għat-tiswija u għall-armar ta' l-istess xbieki, ħbula tan-nylon ta' daqsijiet differenti għat-tqegħid tal-kannizzati flimkien ma sufruni sintetiċi. L-għażla għall-aħjar materjal issir bl-akbar reqqa wara li joħorġu l-offerti, u dan jinxtara bi kwantitajiet kbar, biex ikun hemm roħs tajjeb permezz ta' dan il-'bulk buying'. Is-somma ta' £M34,000 fis-sena ġiet allokata għal dawn l-aħħar erba' snin għal dan il-għan, iżda hemm il-ħsieb li din is-somma tiżdied peress li d-domanda għall-irkaptu qiegħda dejjem tkompli tikber. Kien hemm snin meta nxtraw ukoll lampi, monofilament u snanar.

Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll l-għajnuna finanzjarja taħt forma ta' għotja b'xejn li tingħata lis-sajjieda għax-xiri u tiswija ta' bastimenti, kif ukoll għax-xiri u bdil ta' makni.

It-total ta' din l-għajnuna finanzjarja kienet ta' £M10,136. Nxtraw tliet bastimenti tas-sajd u radio telephone. F'din li-istess sena ngħatat lis-sajjieda s-somma ta' £M37,150 taħt forma ta' self mingħajr imgħax biex dawn jixtru l-lixka għall-pixxispad.

L-ATTIVITAJIET TAS-SAJJIEDA MATUL L-1978

Matul l-1978 l-attivitajiet tas-sajjieda kienu jikkonsistu fis-sajd tal-kannizzati, tkarkir, sajd għal pixxispad, lampara u sajd bil-konzijiet għal bestin u konzijiet irqaq, għal paġell, sirran u trill u ħut ieħor simili. Dan is-sajd sar normalment f'ibħra mhux aktar bogħod minn mitt mil mill-Gżejjer Maltin. Tip ta' għodod oħra tas-sajd bħal parit u għeżula, kif ukoll nassi, intefgħu f'ibħra madwar il-kosta. Mit-total globali ta' ħut maqbud din is-sena ammont sabiħ kien jikkonsisti f'ħut ta' kwalità tajba bħal pixxispad, tonn, trill u dottijiet. In-numru ta' bastimenti li tħaddmu f'din l-industrija kien ta' 1,069.

IMPIEGI

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impiegi n-numru ta' sajjieda tal-mestier, jiġifieri dawk li l-għixien tagħhom jiddependi mix-xogħol tal-baħar biss, kien ilaħħaq 372, waqt li 702 kellhom xogħol ieħor ukoll barra is-sajd.

Il-Gvern jgħin ukoll lis-sajjieda billi jagħti sussidju fuq id-diesel u petrol. Jeżistu wkoll faċilitajiet ta' cold storage adegwati għal bżonnijiet tal-lum.

Meta l-Gvern ra li bil-għajnuna kollha li kien qed jagħti lis-sajjieda ma sarx l-iżvilupp mixtieq, il-Gvern bil-għajnuna tal-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja tal-Ġnus Magħquda fl-1975 beda proġett tat-tkarkir bi trawlers li fl-aqwa tiegħu kienu jlaħħqu għal ħamsa. F'dan il-proġett għenet il-Libya li silfet waħda mit-trawlers, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea li bgħatet tlettax il-tekniku tas-sajd u Spanja li bgħatet kapopeska. Dan il-proġett spiċċa f'Ġunju tal-1977, u barra li ħoloq impiegi, serva biex ħafna Maltin tgħallmu s-sengħa tat-tkarkir u nstabu ħafna żoni ġodda tas-sajd. Riżultat ta' dan l-ebda ħut frisk ma kien importat f'Malta mill-1975 'l hawn.

Fil-perijodu ta' bejn April u Mejju ta' l-1977, iċ-Ċentru ta' l-Investiment ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja għamlu studju biex jaraw jekk setgħetx titwaqqaf flotta tat-tkarkir li tkun immexxija fuq bażi kummerċjali minn sajjieda Maltin mgħallma sewwa f'dan it-tip ta' sajd. Fuq il-bażi ta' dan l-istudju l-Gvern Malti u l-'Fond tal-Kuwajt għall-Iżvilupp Ekonomiku Għarbi' iffinalizzaw in-negozjati ta' bejniethom billi ffirmaw ftehim fit-30 ta' April, 1978, li permezz tiegħu l-Fond intrabat li jislef is-somma ta' madwar £M1,725,000 bl-imgħax ta' 3 fil-mija fis-sena biex titwaqqaf flotta ta' tmien trawlers.

Saru negozjati wkoll mal-Gvern Libjan biex titwaqqaf impriża ta' sajd bi sħab bl-iskop li tforni ħut sew lis-suq Malti kemm dak Libjan. Fis-7 ta' Settembru, 1978 il-Kumpanija bl-isem ta' 'Maltese Libyan Arab Fishing Company Ltd' kienet reġistrata f'Malta. Il-Gvern Malti qabel li jgħaddi lil din il-Kumpanija is-self tal-Kuwait u l-Gvern Libjan qabel li jagħti lil Kumpanija self simili ta' madwar £M1.725 miljun bl-istess kundizzjonijiet. Hekk il-Kumpanija se tkun kapaċi tħaddem flotta ta' sittax-il trawler u li din il-flotta tistad kemm fl-ibħra Maltin kemm dawk Libjani.

IBĦRA TERRITORJALI

Il-Gvern ħaseb ukoll li jħares l-industrija tas-sajd u l-interessi tas-sajjieda, hekk li f'Diċembru 1971 għadda mill-Parlament l-att dwar l-ibħra territorjali u z-Zona Kontinwa li permezz tiegħu, għal skopijiet ta' Sajd, l-ibħra territorjali ta' Malta kienu estiżi għal tnax-il mil nawtiku.

F'Ottubru 1975 il-Parlament għadda emenda għal dan l-att li permezz tagħha, għal skopijiet ta' sajd, l-ibħra territorjali kienu estiżi għal għoxrin mil nawtiku. U wkoll f'Lulju 1978, għal skopijiet ta' Sajd, l-ibħra territorjali ta' Malta kienu finalment estiżi għal ħamsa u għoxrin mil nawtiku.

Il-Gvern ħaseb ukoll biex jipprovdi patrol boats biex isaħħaħ dawn il-liġijiet u jara li ebda sajjied barrani ma jistad fl-ibħra tagħna.



Hidma tal-Gvern

ĠLIEDA KONTRA L-GĦOLI TAL-ĦAJJA

Kif kulħadd jaf, id-dinja bħalissa għaddejja minn mewġa ta' żieda fil-prezzijiet, speċjalment ta' dawk l-oġġetti essenzjali għal ħajja.

Din iż-żieda qiegħda tħawwad bis-sħiħ il-qagħda finanzjarja ta' bosta pajjiżi kbar u sinjuri; u aktar ta' dawk żgħar u fqar bħal ma huma l-gżejjer Maltin.

Il-Gvern Soċjalista Malti, dejjem għamel ħiltu kollha biex il-għoli tal-ħajja f'pajjiżna jkun kontrollat. Għalhekk wieħed jista' jgħid, li Malta minkejja ċ-ċokon u minkejja l-limitazzjonijiet tagħha, marret ferm aħjar minn bosta pajjiżi oħrajn li għandhom rata ta' inflazzjoni akbar minn tagħna.

SKEMA ĠDIDA TA' IMPORTAZZJONI

L-iskema l-ġdida ta' importazzjoni li l-Gvern se jinforza hi parti mill-miżuri fil-ġlieda tiegħu kontra l-għoli tal-prezzijiet u anke sabiex f'Malta jkun hawn provvista ta' prodotti essenzjali fi kwantitajiet meħtieġa.

Il-Gvern hu determinat ukoll li l-prodotti essenzjali impurtati jkunu ta' l-aħjar kwalità u li jkunu għall-aħjar interess tal-poplu u mhux (kif ġie li jiġri) fl-aħjar interess tan-neguzjanti biss.

Il-Gvern Malti, għal dan il-għan, issa għandu bżonn l-esperjenza ta' dawn in-neguzjanti Maltin sabiex flimkien mal-kuntatti internazzjonali li għandu hu bħala Gvern, ikun jista' jagħmel front komuni biex b'hekk ikun jista' jikseb l-aħjar prezzijiet possibbli għal Konsumatur Malti.

In-negozjanti Maltin issa sejrin jipparteċipaw fl-ippjanar fuq livell nazzjonali, flimkien mal-Gvern, biex b'hekk, jaraw li l-poplu jkollu aktar oġġetti varji minn fejn jixtri u li għal dawn l-affarijiet iħallas prezzijiet xierqa.

Il-Gvern Soċjalista Malti, b'din is-sistema l-ġdida ma għandu l-ebda intenzjoni li jagħmel xi profit minn dak li jimporta, jew li jieħu x-xogħol tan-negozjanti Maltin. B'din is-sistema, n-negozjant Malti, minbarra li jkollu l-qliegħ xieraq, sejjer igawdi peress li sejjer jonqoslu ħafna l-element tar-riskju u jinqatgħalu l-element ta' kompetizzjoni diretta li kien ikollu ma sħabu n-negozjanti l-oħra.

Hawn ta' min ifakkar, li anke pajjiżi ħafna akbar minn Malta, għandhom Boards maħtura apposta mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom biex jgħassu u jiżguraw il-ħtiġijiet ta' pajjiżhom bl-aħjar prezzijiet possibbli.

Għalhekk bil-koperazzjoni ta' kulħadd, il-Gvern jinsab ċert, li din is-sistema l-ġdida ta' importazzjoni se tkun ta' gwadan kbir għall-poplu tagħna.

IXTRI PRODOTT MALTI

GĦIN LILL-PAJJIŻEK U LILEK INNIFSEK.

IXTRI PRODOTT MALTI

Il-Ministeru ta' l-Isport is-sena li għaddiet ħa f'idejh iċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa bil-għan li l-faċilitajiet sportivi u t-taħriġ li jmur magħhom jiġi miftuħ għat-tfal kollha ta' kull familja Maltija, hi x'inhi l-abilità u l-klassi tagħhom.

Wara tnax-il xahar il-mira li kellu l-Ministeru tidher li waslet biex tintlaħaq għaliex in-numru ta' dixxiplini sportivi pprattikati fiċ-Ċentru ġie rduppjat u n-numru ta' tfal li jattendu regolarment għat-taħriġ żdied b'ħames darbiet fuq dak tas-snin ta' qabel. Infatti mal-**football, tennis, gymnastics, athletics** u **basketball,** żdied il-**judo, volleyball, badminton, hockey** u dan l-aħħar ġie ntrodott ukoll il-**baseball.**

L-istruttura amministrattiva ssaħħet għaliex it-tmexxija taċ-Ċentru llum tinkludi mhux biss uffiċjali tal-Ministeru ta' l-Isport, iżda wkoll voluntieri — coaches u helpers — li joffru l-ħin liberu tagħhom fl-interess tat-tfal, uffiċjali ta' associations li l-isport tagħhom huwa rappreżentat fiċ-Ċentru, u numru sew ta' ġenituri li għandhom it-tfal tagħhom jattendu għat-taħriġ fid-diversi ċentri.

In-numru kbir ta' tfal li attendew matul l-aħħar sena kien tant kbir li l-organizzaturi kellhom jiftħu ċentri oħra fejn jista' jsir taħriġ speċjalizzat. Infatti l-gymnasium ta' St Andrew's u ta' Kordin flimkien maċ-Ċentru Sportiv ta' Beltissebħ u s-Sala ta' l-Iskola Sekondarja tal-Marsa intużaw regolarment biex seta' jsir dan it-taħriġ.

Espansjoni ta' din ix-xorta kienet titlob iżżieda konsiderevoli ta' ħafna aktar attrezzi sportivi biex it-tfal ikunu jistgħu jitħarrġu aktar bis-serjetà u jsiru jafu l-logħob aktar bis-serjetà u fil-fond.

Barra minn hekk il-Ministeru ta' l-Isport bl-għajnuna tad-diversi assoċjazzjonijiet irnexxielu jġib flimkien numru kbir ta' coaches fid-diversi dixxiplini. Dan in-numru għen biex it-tfal jiġu mqassma fi gruppi żgħar fejn setgħet tingħata aktar attenzjoni individwali kif jixraq fit-taħriġ sportiv ta' din ix-xorta.

Minn żmien għal żmien il-Ministeru ħaseb ukoll biex jikseb l-għajnuna ta' esperti barranin biex ikompli jħarreġ il-coaches u t-tfal, u jagħtu pariri tekniċi fl-amministrazzjoni u l-iżvilupp taċ-Ċentru Sportiv.

Dan li sar s'issa kien biss il-bidu ta' skema kbira li taħseb għat-twaqqif ta' aktar ċentri fil-gżejjer Maltin fejn it-tfal u żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jattendu għal taħriġ sportiv. B'hekk uliedna jkunu jistgħu jitilgħu aktar b'saħħithom, 'l bogħod mill-vizzijiet ħżiena li s-soċjetà moderna ġġib magħha.

FIL-QOSOR.....

IL-FUNDERIJA L-ĠDIDA F'ĦAL FAR

Ix-xogħol fuq il-bini ta' funderija ġdida f'Ħal Far beda u miexi b'pass mgħaġġel. Il-funderija se tkun waħda mill-akbar bini ndustrijali f'Malta. Iddaqs tagħha se jkun 140 metru × 94 metru u 23 metru għoli.

Dan ix-xogħol qed isir mill-'Construction Company' li tifforma parti mis-2nd (Engineer) Regiment tal-Forzi Armati ta' Malta. Din il-kumpanija tikkonsisti minn suldati regolari, pijunieri u 'Dirgħajn il-Maltin'.

Dawn il-ħaddiema diġà ħadmu fuq diversi proġetti tal-Gvern, bħal ma huma ċ-Ċentru Turistiku ta' Ħal Ferħ, fabbriki ġo Bulebel, il-pedamenti tal-fabbriki li nbnew u li qed jinbnew fl-'Estate' Industrijali ta' Ħal Far u oħrajn.

Is-'Site Engineer' ta' dawn il-proġetti u tal-funderija l-ġdida huwa ll-Lieutenant M. Caruana-Dingli tal-Forzi Armati ta' Malta, li qed jaħdem flimkien mall-Perit Karmenu Vella.

Ir-ritratt juri lill-Perit Karmenu Vella flimkien ma' Lieutenant M. Caruana-Dingli, fuq il-post tal-funderija l-ġdida.

ASSIKURAZZJONIJIET GĦALL-ĦADDIEMA TAT-TARZNA

Fit Tarzna preżentament jeżistu diversi skemi t'Assikurazzjonijiet u ta' Pensjoni li jipprovdu diversi benefiċċji għall-ħaddiema.

L-iskema tal-Pensjoni:—

(a) Dawk li għażlu li jibqgħu fl-iskema kif kienet oriġinali, qegħdin iħallsu sebgħa fil-mija tal-paga tagħhom, daqs kemm qegħda tħallas it-Tarzna.

(b) Pero l-maġġoranza tal-impjegati tat-Tarzna, qegħdin fi skema differenti li ġiet introdotta wara li l-Kunsill, il-Management tat-Tarzna u l-Union raw li l-iskema Nazzjonali ser tipprovdi għall-Pensjoni ta' żewġ terzi għall-ħaddiema ta' Malta kollha meta ġie miftiehem li tingħata opportunità lil dawk il-ħaddiema li riedu joħorġu mill-iskema tal-Pensjoni oriġinali. Għalhekk wara li ttieħed parir minn ditta ta' Konsulenti, l-Ħaddiema ngħataw iċ-ċans li jidħlu fi skema oħra li tipprovdi diversi benefiċċji li ser insemmu aktar tard, iżda l-kontribuzzjonijiet imnaqqsa għal wieħed fil-mija minn naħa tal-ħaddiema u tlieta fil-mija minn naħa tat-Tarzna.

Din l-iskema tipprovdi għal dawn il-benefiċċji:

(i) Ħlas fit-tmiem l-impieg għal kull sena servizz mill-1959. (Bħalissa fuq dan il-punt hemm diskussjonijiet mat-taqsimitiet tal-G.W.U. dwar l-implementazzjoni ta' rati riveduti fl-ammont tal-gratuity).

(ii) Pensjoni għal min jirtira minħabba mard jew inkapaċita.

(iii) Assikurazzjoni fuq il-ħajja għall-membri ta' l-iskema tal-Pensjoni fejn tingħata s-somma ta' tlett (3) snin paga f'każ ta' mewt.

Ta' min isemmi li dawn il-benefiċċji li semmejna jingħataw lil dawk il-membri li baqgħu fl-iskema oriġinali. Mill-31 ta' Mejju 1978 ġiet introdotta skema t'assikurazzjoni fuq il-ħajja u għall-korriment waqt ix-xogħol għall-impjegati tat-Tarzna. B'din l-assikurazzjoni jitħallsu benefiċċji f'każ ta' mewt aċċidentali jew korriment fuq ix-xogħol skond l-età ta' l-individwu.

1. Benefiċċju f'każ ta' mewt minn inċident waqt ix-xogħol:

Età taħt it-30 sena — 10 darbiet tal-paga bażika annwali tal-individwu

Età bejn it-30 u 41 — 8 darbiet tal-paga bażika annwali tal-individwu

Età bejn it-42 u 52 — 5 darbiet tal-paga bażika annwali tal-individwu

Il-fuq mill-età ta' 52 — 3 darbiet tal-paga bażika annwali tal-individwu

2. F'każ li ndivdwu jkorri waqt li jkun qed jaħdem it-Tarzna u jibqa' nkapaċitat permanenti l-benefiċċju jkun persentaġġ tas-somma msemmija hawn fuq li tiġi mħallsa lil dak l-individwu li jkun korra.

Barra dawn il-poloz ta' assikurazzjoni il-Kunsill introduċa l-assikurazzjoni magħrufa bħala "L-Employers Liability Policy", sabiex f'każ li l-parti milquta ma tkunx sodisfatta bil-benefiċċji provduti, tkun tista' tagħmel rikors kontra t-Tarzna u f'każ li t-Tarzna tiġi misjuba ħatja ta' traskuraġni l-istess Qorti tiddeċiedi ukoll ir-rikompens dovutu dan jitħallas immedjetament.

ŻJARA TA' L-AĦĦAR LILL-MINISTRU WISTIN ABELA

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru, l-Aġent Prim Ministru u Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela kellu żjara ta' l-aħħar mill-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta, Mr Norman Aspin. Din il-laqgħa saret fl-Uffiċċju tal-Ministeru, Kastilja.

Il-Kummissarju Għoli Ingliż kien qed jagħmel għadd ta' żjarat ta' l-aħħar qabel itemm il-kariga tiegħu ta' Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta.

FTEHIM DWAR KOPERAZZJONI KULTURALI MAĊ-ĊEKOSLOVAKKJA

Il-Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, is-Sinjorina Agatha Barbara iffirmat ftehim dwar koperazzjoni kulturali mar-Republika Soċjalista taċ-Ċekożlovakkja. Il-Ministru tal-Kultura Ċekożlovakk, Milan Klusak, iffirma għall-Gvern tiegħu.

Il-Ministru Barbara kellha taħdidiet ukoll fi Praga mal-Ministru tal-Kummerċ Barrani Andrei Barcak. Huma ddiskutew kwistjonijiet ta' nteress għall-żvilupp tar-relazzjonijiet ekonomiċi li diġà jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi. Iż-żewġ Ministri ddiskutew ukoll proġetti konkreti ta' fejda għal Malta fil-qasam industrijali.

Minflok kull xahar, 'Il-Gżejjer' se tibda toħroġ darba kull tliet xhur b'aktar paġni u b'format ġdid.

Għalhekk il-ħarġa li jmiss se tkun dik ta' Diċembru.

IL-BANK TAD-DEMM

Id-demm kollu li joħroġ mill-Bank tad-Demm ta' Malta jingħata mingħajr ħlas fi fliexken tal-ħġieġ tip Baxter. Dawn il-fliexken jintużaw darba biss. Id-demm ikun proċessat u meħlus minn diversi mard speċifiku, hekk kif mitlub mir-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Banek tad-Demm.

Ta' min wieħed ifakkar, illi meta wieħed jagħti d-demm dan id-demm irid l-ewwel jgħaddi minn ħafna tests sabiex ikun jista' jingħata lil xi pazjent. Dawn it-tests fil-laboratorju jieħdu żmien twil.

Id-Direttur tal-Bank jappella bil-qawwa lill-pubbliku ġenerali, u partikolarment lill-Kapijiet ta' ditti, dipartimenti, organizzazzjonijiet, eċċ. sabiex dawn jibagħtu immedjatament lill-impjegati tagħhom biex jgħatu d-demm; għaliex it-talba għal dan id-demm hi dejjem akbar milli jkollu maħżun l-Bank.

M'hemmx ħaġa eħfef milli meta inti tagħti d-demm. Tassew sempliċi u ma tħoss l-ebda uġigħ.

Ikun ta' sodisfazzjon kbir għalik meta tkun taf li d-demm tiegħek sejjer isalva ħajja oħra.

Meta tagħti d-demm, jingħatalek mingħajr ħlas il-'group' tad-demm tiegħek.

Id-demm hu l-ħajja. Għati r-rigal tal-ħajja! Mur l-Bank tad-Demm, Europa Centre, il-Furjana. Tel. 20130.

Edukazzjoni Sekondarja

Wara sitt snin ta' skola primarja, it-tfal jagħmlu eżami li bih jiġi stabbilit il-grad ta' l-intelliġenza tagħhom biex b'hekk ikunu jistgħu jkomplu t-taħriġ tagħhom fi skola sekondarja.

F'dan il-perijodu ta' edukazzjoni, it-tifel jew tifla issa, li jkunu laħqu l-età ta' 11-il sena, jibdew jużaw moħħhom aktar. Jibdew jaħsbu għalihom infushom u jibdew ifittxu l-informazzjoni aktar milli din tiġi mogħtija lilhom.

Fi ftit kliem, f'dawn is-snin ta' skola, it-tifel u tifla jibdew jibnu ħajjithom biex għada pitgħada jsiru l-irġiel u n-nisa ta' Malta.

Fl-iskola sekondarja, it-tfal isiru individwi u jitrawwem fihom is-sens ta' responsabbiltà tant meħtieġ biex jiżviluppaw il-karattru tagħhom.

Fil-gżejjer Maltin hawn 39 skola sekondarja: 17 tas-subien u 22 tal-bniet.

Kemm hu possibbli, it-tfal jintbagħtu fi skejjel li jkunu viċin tal-lokalità tagħhom minħabba l-problema tat-trasport.

Fl-iskola sekondarja, it-tfal joffrulhom edukazzjoni ġenerali. Dan hu kors ta' 5 snin li jwassalhom sa l-età ta' edukazzjoni obbligatorja ta' sittax-il sena.

Fl-ewwel sentejn ta' dawn il-ħames snin il-kors bażiku jkun fih suġġetti bħal Reliġjon, Malti, Ingliż, Għarbi u lingwa oħra barranija illi jkunu għażlu huma minn jeddhom, jiġifieri bejn it-Taljan, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Hemm ukoll naturalment il-Matematika, Xjenza, Edukazzjoni Fiżika, Arti, Mużika, Storja ta' Malta u Ġjografija. Għat-tfal subien hemm il-Crafts u għall-bniet hemm il-Ħjata u anke l-'Home Economics'.

Wara sentejn, ikunu waslu biex jagħżlu suġġetti li jkunu bi ħsiebhom ikomplu jistudjaw fit-tliet snin li jkun fadal. Din hi għażla importanti għax taffettwa l-futur tagħhom.

Per eżempju jistgħu jieħdu l-Arti u Storja jew Mużika u Ġjografija, jew inkella lingwi u suġġetti tax-xjenza jew oħrajn kummerċjali bħal 'Accounts' u 'Business Studies'. Suġġetti oħrajn, kif semmejna, huma ta' crafts u fil-każ tal-bniet 'Home Economics' u Ħjata.

Minn Form II it-tfal jistgħu wkoll jagħżlu li jmorru fi Skola tas-Snajja'.

L-edukazzjoni fi Skola Sekondarja hi ferm differenti minn dik Primarja. Fl-Iskola Primarja, ikun hemm għalliem wieħed għal kull klassi. Fi Skola Sekondarja ikun hemm ġeneralment għalliem differenti għal kull suġġett. Din hi ħaġa li l-istudenti malajr jidraw u malajr jirnexxilhom jistabbilixxu relazzjonijiet tajba ma' l-għalliema illi jkunu qegħdin jgħallmuhom.

F'dawn is-snin hekk importanti t-tfal isibu rwieħhom f'ambjent għal kollox differenti. Fi Skola Sekondarja jridu jaqdfu għal rashom, iridu jieħdu interess huma f'dak li qed jiġri madwarhom, għax inkella jintilfu fil-folla.

Huwa għalhekk li minn meta jkunu għadhom fl-Iskola Primarja t-tfal jintbagħtu jżuru l-Iskejjel

Sekondarji biex sa minn qabel ikollhom ħjiel ta' l-ambjent li fih ikunu sejrin iqattgħu l-isbaħ snin tat-tfulija tagħhom.

Biex it-tfal isibu s-suġġetti interessanti l-għalliema jippruvaw, kemm jistgħu, joħolqu interess fit-tfal. B'dan il-mod ġdid ta' tagħlim l-aċċent qiegħed fuq li l-għalliem jinvolvi kemm jista' lill-istudenti fil-lezzjoni.

Permezz ta' din il-parteċipazzjoni, it-tfal iħossu li huma wkoll jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom fit-tagħlim.

F'suġġetti bħal ma huma l-Matematika, it-tfal qed jitgħallmu dak li huwa magħruf bħala 'Modern Mathematics'. Għal dawk li ilhom li ħallew l-istudju tal-Matematika, dan it-tagħlim isibuh tqil u forsi mhux tas-soltu, iżda t-tfal mill-ewwel jidrawh. Wieħed irid jiftakar li l-Matematika qed tiġi mgħallma b'dan il-mod anke f'pajjiżi oħra Ewropej. Għallhekk, it-tfal tagħna jkunu ippreparati tajjeb biex jagħmlu eżamijiet ta' kulleġġi u universitajiet barranin.

Fejn jidħlu l-lingwi, l-għalliema jinqdew b'tagħmir modern li jinkludi 'tape recorders' u 'slides' u jużaw sistemi adattati minn pajjiżi barranin. Suġġetti li qabel kienu jiġu mgħallma bl-amment, issa qed jingħataw xejra ġdida li tagħmilha aktar faċli għat-tfal.

Minbarra l-lezzjonijiet dwar ir-Reliġjon, it-tfal jiltaqgħu wkoll ma' Guidance Officers li jgħinuhom ukoll fil-problemi li jkollhom.

F'kull skola hemm għalliema li għandhom ħin għal ta' l-apposta għal dan ix-xogħol kif ukoll jiġu ippreparati biex ikunu jistgħu jagħtu dan is-servizz.

Pariri jingħataw lit-tfal u lill-ġenituri tagħhom dwar dik li hi karriera u għażla ta' suġġetti.

Fl-ewwel sentejn ta' l-Iskola sekondarja, l-iskop ta' dan is-servizz huwa li l-ewwel nett isiru jafu lit-tfal. Isiru jafu wkoll lill-ġenituri tagħhom u lill-familja tagħhom.

It-tfal ukoll jagħmlu użu minn faċilitajiet li tipprovdilhom l-iskola; eżempju ta' dan hija l-librerija li ssibha f'kull skola. L-istudenti huma mħeġġa li jaqraw kemm jifilħu.

Minbarra t-tagħlim li t-tfal jieħdu minn fuq il-bank ta' l-iskola huma jitgħallmu u jsiru aktar intiżi fuq is-suġġett permezz ta' mawriet fuq il-post stess. B'hekk aktar ikunu qed jiġu f'kuntatt ma' dak kollu li jkunu studjaw fuqu u qraw dwaru. It-tfal qatt ma jonqos li juru entużjażmu u jistaqsu lill-għalliema tagħhom fuq dak kollu li jaraw.

B'hekk it-tfal isiru jħobbu lil art twelidhom, isiru jgħożżu l-wirt storiku u naturali tal-gżejjer Maltin filwaqt li jippreparaw għall-ħajja futura tagħhom.



MISRAĦ IL-PALAZZ

IL-PALAZZ — Minn C. Von Brockdorff (Seklu XIX) u d-dehra ta' l-istess post illum

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern